MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2009

Numru. 787/2008

Il-Pulizija
(Sp Raymond Cassar)
vs
Kimberly McKay, bint Alfred, imwielda Pieta’ fit-13 ta’ Settembru, 1991

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata –
1. talli fil-15 ta’ Frar, 2008 u fil-jiem ta’ qabel, f’ħinijiet differenti f’dawn il-Gżejjer, b’diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li kien magħmula b’risoluzzjoni waħda, ikkomettiet serq ta’ mobile phones li għandhom il-valur ta’ aktar minn €232 iżda mhux aktar minn €2,329 għad-dannu ta’ Maureen Callus;
2. talli fl-istess żmien, ħin u ċirkostanżi, f’dawn il-Gżejjer, xjentement laqgħet għandha u/jew xtrat ħwejjeġ

misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, u cioe' mobile phones tad-ditta Nokia u LG li għandhom valur ta' aktar minn €232 iżda mhux aktar minn €2,329 għad-dannu ta' Maureen Callus;
3. talli fl-istess lejl u/jew fil-ġranet ta' wara, f'dawn il-Gżejjer, kienet taf li xi ħaġa li kienet fil-pussess tagħha kienet xi ħaġa misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqset li tgħarraf lill-pulizija b'dak il-fatt fi żmien ġimgħa minn meta kienet saret taf.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' marzu, 2009 fejn l-imputata ammetiet l-akkuża ta' serq miġjuba kontra tagħha.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' marzu, 2009 minn fejn jirrizulta li ż-żewġ mobile phones ġew ritornati lil sidhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputata ħatja tat-tieni akkuża miġjuba kontra tagħha u għalhekk tilliberaha mill-istess akkuża. Issib lill-imputata ħatja tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tagħha bl-assorbiment tat-tielet akkuża. Rat l-artikoli 261(ċ), 267 u 278(1) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-eta' ta' l-imputata, il-fedina penali netta u l-ammissjoni bikrija. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien xahrejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------